# Ħbieb?

## minn Madeline Micallef

Ma tantx tidher,
li għożżejt ma' qalbek,
il-ħbiberija tagħna,
li bnejna flimkien.

Anzi naħseb aktar ftaħt,
il-gaġġa u ħallejtha tiżfen,
maż-żiffa tar-riħ,
sakemm tqattgħet u ntremiet.

Ħriġtli l-id tal-ħbiberija.
Għall-ewwel kellek maskra pittoreska,
iżda wara ftit, int ukoll
ilbist maskra grotteska.

Lanqas nemmen ma rrid,
kemm ħaġa waħda bidlitlek.
Min jistaqsini għalik,
sirt ngħidlu li ma nafx bik.

Jaqaw il-persuna li sirt,
inqalgħet min-nar tal-infern?
Kliemek bħal velenu ħadrani u qares,
li jħallik tmut bi qsim il-qalb.

Il-pjaċiri li għamiltlek,
m'għadhom ifissru xejn.
Anzi qishom katavru bla ħajja,
li nixfu u spiċċaw fix-xejn!

Madankollu, jien maqtugħa minn pezz' oħra,
ħbieb kont u mija nibqa'.
Lesta li ninsa d-differenzi,
Għaliex ma nħobbx intaqqal il-Komma.